# Il-Festi tal-Inkurunazzjoni

*Minn Christian Pace*

*Iu Perpetuum Coronata Triumphant*
*Inkurunata, Rebbieħa għal Dejjem*

Din is-sena qegħdin niċċelebraw il-130 sena minn meta x-Xbieħa Mirakoluża tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta ġiet Inkurunata Solennament mill-Vatikan. Din ix-xbieha ferm antika minn dejjem kienet fiċ-ċentru tad-Devozzjoni Karmelitana, mhux biss fil-Belt Valletta iżda madwar il-gżira kollha. Xhieda ta' dan huma in-numru kbir ta' artali iddedikati lill-Madonna tal-Karmnu li nsibu kważi f'kull knisja madwar Malta u Għawdex kif ukoll n-nies li matul is-sena kollha, ta' kuljum, dejjem irrikorriet lejn din ix-Xbieha Mirakoluża.
Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu jibda jissemma f'dokumenti antiki fl-1608, meta l-knisja ġiet imkabbra. Kull darba jissemma b'rabta mal-fatt li jiġbed lejh ħafna nies għad-devozzjoni, talb u wegħdi. Fl-1622, fil-fatt naqraw li kien hemm xi oġġetti mogħtija lill-knisja wara grazzji li nqalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Karmnu. Fost dawn l-oġġetti kien hemm lampieri li għadhom jintramaw sal-lum għall-festa tal-Karmnu nhar is-16 ta' Lulju. Sal-lum l-artist li pitter din ix-xbieha għadu mhux magħruf, iżda hu maħsub li l-pittur kien Sqalli, anke għax fil-pittura kienu jidhru Sant' Agata u Santa Luċija, li huma l-patruni ta' Katanja u Sirakuża. Lanqas ma hu magħruf eżattament meta l-kwadru tpitter iżda xi dokumenti juru li kien diġa għand il-Karmelitani meta bnew il-Knisja fl-1570 u dak iż-żmien kien diġa meqjus bħala antik.

**L-Ewwel ħsieb ta' L-Inkurunazzjoni**

Sa qabel is-sena 1881, ebda xbieha tal-Madonna ma kienet għadha ġiet Inkurunata Solennement mill-Kapitlu tal-Vatikan f'Malta u Għawdex. Wara li d-devozzjoni Karmelitani tferxet fi gżiritna il-Patrijiet Karmelitani riedu li din l-imħabba tal-Maltin lejn il-Madonna tiġi issġillata permezz ta' Inkurunazzjoni Solenni, tax-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.
Għalhekk, il-Patrijiet Karmelitani, kitbu l-ewwel lir-Revmu. P. Ġeneral ta l-Ordni, P. Anġlu Savini, fejn urewh il-ħsieb tagħhom u talbuh ukoll biex hu jgħinhom ħalli xewqithom tirnexxi. Il-Patri Ġeneral billi fis-sena 1874 kien ġie hawn Malta, kien diġa jaf bil-qima li l-Maltin kellhom lejn din ix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu. Huwa għalhekk malajr wieġeb għall-ittra tagħhom u saħħahom fil-ħsieb tagħhom, u mliehom bit-tama li xewqithom ma ddumx ma tkun maqtugħa.
Il-Kliem li kitbilhom ir-Revmu, Patri Ġeneral ħeġġeġ lill-Patrijiet, u dawn mingħajr telf ta' żmien, ressqu permezz ta' l-istess Patri Ġeneral, it-talba umli tagħhom quddiem ir-Revmu. Kapitlu tal-Vatikan. Flimkien mat-talba ppreżentaw ukoll id-dokumenti meħtiega, magħrufa u approvati mill-Eċċelmu, Isqof ta' Malta, Mons Carmelo Scicluna.
Dawn id-dokumenti kienu il-konferma li l-kwadru tal-Karmnu jissodisfa it-tlett kundizzjonijiet maħruga mill-Vatikan fuq kull xbieha li tkun se tiġi inkurunata. Dawn huma
•li x-Xbieha tal-Madonna trid tkun antika ferm;
•li tkun Mirakoluża u għajn ta' bosta grazzji lejn dawk li jirrikorru lejha;
•li x-Xbieha tkun kisbet lejha qima u mħabba l-iżjed kbira u n-nies sikwiet iżuruha.
Dawn it-tlett kundizzjonijiet, nistgħu ngħidu li huma sodisfatti kollha fil-Kwadu Mirakoluż tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.

**Diffikultajiet Mirbuħa**

Meta l-Patrijiet Karmelitani bagħtu t-talba tagħhom flimkien mad-dokumenti meħtiega għall-inkurunazzjoni kienu żguri li se jirċievu risposta posittiva. Madanakollu għalkemm sforz tad-devozzjoni straordinajra tal-Maltin lejn din ix-xbieha qaddisa, l-Vatikan ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-inkurunazzjoni, il-Kapitolu Vatikan ma setax jagħti l-kuruni tad-deheb, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien.
Għalhekk biex ix-xewqa ta l-inkurunazzjoni tigi maqtugħa riedu li jinsabu xi benefatturi li jkunu lesti jidħlu għal-ispejjeż kollha biex jiġu maħduma żewg kuruni tad-deheb u ħaġar prezzjuż għal dan il-kwadru, u hekk ġara. Waħda sinjura twajba u devota tal-Madonna tal-Karmnu, mingħajr ħadd ma qalilha b'din id-diffikulta uriet ix-xewqa li tħallas parti mill-kuruni. Żewg persuni oħra, kellhom ix-xewqa li joħorgu parti mill-ispejjeż u għalhekk s-somma kollha meħtieġa inġabret minn benefatturi u devoti tal-Madonna tal-Karmnu.
Għalhekk il-Patrijiet, minnufih talbu lill-Ġeneral ta' l-Ordni P. Anġlu Savini u talbuh biex jgħarraf b'din l-aħbar lill-Vatikan, biex b'hekk jintbgħat id-digriet ta' l-Inkurunazzjoni.

**Id-Degriet ta' l-Inkurunazzjoni**
Id-Degriet ta' l-Inkurunazzjoni wasal fid-19 ta' Ġunju 1880. Dan nissel ferħ kbir mhux biss fost il-Patrijiet Karmelitani imma ukoll fost il-Maltin għax ix-xbieha tant devota tal-Madonna tal-Karmnu issa kienet se tkun Inkurunata b'mod solenni mill-Vatikan. F'dan id-degriet ġie magħzul mill-Kapitlu tal-Vatikan l-Eċċellenza tiegħu Revma. Monsinjur Carmelo Konti Scicluna, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta biex f'isem il-poplu Malti jinkurunu dan il-kwadru devot.

**Kif kien imżejjen it-Tempju**
Malli wasal id-degriet ta' l-Inkurunazzjoni, l-ewwel ħsieb tal-Karmelitani kien li jżejnu mill-aħjar li jistgħu t-Tempju għal din l-okkazjoni speċjali.
Il-ħitan kollha tal-knisja u l-pilastri, kienu armati bid-damask tal-ħarir aħmar, b'pavaljuni taħt kull arkata tan-navi, flimkien ma' tiżjin ieħor tal-lama tal-fidda li jispiċċa b'pendenti zgħar, u jintrabat b'mazz ward rikk. Mad-damask kollu tal-ħitan, barra minn bosta kuruni artifiċjali, kienu jidhru mdendlin bosta kwadri li jirrapreżentaw l-akbar eroj tal-Karmelu, u mżejnin b'pavaljuni żgħar tal-lama tad-deheb. Fuq l-arkati tal-kappelli, mal-gwarniċa ewlenija tal-knisja, ġew imwaħħlin bosta skrizzjonijiet qosra bil-latin, li jitkellmu fuq l-Inkurunazzjoni.
Fil-fond bejn il-gwarniċa u l-pilastri, kienu jidhru ileqqu fuq id-damask. stilel indurati. Fuq il-gwarniċa kienu saru ukoll sitt armi mdawrin bil-ward artifiċjali. Dan ix-xogħol kollu ta' tiżjin, kien kollu idea tas-Sur Ġużeppi Calleja.
Il-faċċata ta' barra tal-Knisja, kienet ukoll imżejna mill-aħjar b'damask, anġli u bi statwi. Fuq il-bibien, sew l-ewlieni ta' Triq it-Teatru, kemm ukoll ta' Triq Zekka, twaħħlu ukoll żewġ iskrizzjonijiet li kienu jitkellmu fuq dan l-avveniment speċjali.



*Il-Putiera tas-Santwarju li kienet intużat waqt l-Inkurunazzjoni fl-1881*

**Festi ta' Tħejjija għall-Inkurunazzjoni**
L-Inkurunazzjoni tal-Karmnu tal-Belt kienet l-ewwel waħda li saret f'Malta u Għawdex u għalhekk il-festi kienu tmexxew b'sollenita' u pompa kbira. Fit-2 ta' Lulju kienet bdiet in-novena, biex wara li tispiċċa jsir Tridu Solenni. Matul in-novena kollha l-Knisja kienet tkun maħnuqa bin-nies. Kien ippriedka ir-Revdu. P. Kerubin minn Malta, Kappuċċin li niseġ disa' diskorsi sbieħ u kommoventi fuq il-Madonna tal-Karmnu u l-Inkurunazzjoni.
Fil-11 ta' Lulju, proprju meta spiċċat in-novena, wasal hawn Malta r-Revdmu. Patri Ġeneral tal-Karmelitani, P. Anġlu Savini, li ħabrek ferm biex jaqla' d-degriet ta' l-Inkurunazzjoni. Malli huwa wasal Malta folla kbira ta' nies marret tagħtih l-merħba u matul it-triq kulħadd beda jsellimlu b'rispett kbir. Meta l-karozzin wasal fi Triq it-Teatru ħallew il-ħbula taż-żwiemel u kienu in-nies stess li mexxewh lejn il-knisja fost xita ta' ward. X'ħin wasal quddiem il-Knisja, ġie milqugħ mill-familja kollha Karmelitana bis-solennita' kollha fost id-daqq tal-qniepen u l-isparar tal-murtali.
L-għada tal-wasla tal-Patri Ġeneral tal-Karmelitani f'Malta beda it-Tridu solenni permezz ta' quddiesa kantata solenni akkumpanjata mill-mużika tas-Surmastrijiet Dr. Pawlu u Antonio Nani. Wara l-Vanġelu, l-W.R.P Agostino Converti Lettur ġubilat tal-Minuri Osservanti għamel l-ewwel paniġierku bit-Taljan fejn fih wera l-glorja tas-Sultana tas-sema u l-art meqjuma f'dan it-Tempju.
Filgħaxija tat-12 ta' Lulju, wara l-kant tal-kompieta, waqt li t-Tempju kien maħnuq bin-nies l-Ilmu. Revmu. Mons. Kan. Goffredo Xerri, Vigarju Ġenerali, niseġ bl-ilsien Malti paniġierku ieħor fejn fih faħħar il-jum tal-15 ta' Lulju, u qal li għandu jinkiteb b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Knisja Maltija.
Wara l-paniġierku tkantat is-Salve Regina, Litanija u Flos Carmeli, bl-orkestra li għall din l-okkazjoni kienu mmexija mis-Surmast Dr, Pawlu Nani. Fl-aħħar tal-funzjonijiet ta' l-ewwel jum tal-festi solenni, ingħalqu bil-Barka Sagramentali, mogħtija mill-Revmu. P. Ġeneral tal-Karmelitani.
It-tieni u t-tielet jum tat-Tridu solenni, jiġifieri t-13 u l-14 ta' Lulju, saru bl-istess pompa. Fit-tieni jum sar Pontifikal Mill-Eċċellenza Tiegħu Revma. Monsinjur Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex. Kien assistit minn żewġ Kanonċi tal-Kolleġjata ta'

San Pawl u mill-Patri Majjistru Dionisio Sena. Filgħaxija il-Paniġierku bil-Malti kien sar mill-W.R. Dun Manwel Debono DD., Kanonku Kantur ta' l-Insinji Kolleġġjata ta' San Pawl.
L-14 ta' Lulju kien l-aħħar jum tat-Tridu solenni. Il-Pontifikal sar mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Salvatore Angelo De-Martis, assistit minn ħutu r-Reliġjużi Karmelitani. Wara l-Vanġelu, il-W.R.P. Majjistru Giovanni Camilleri, Provinċjal ta' l-Agostinjani, għamel il-paniġierku bit-Taljan. Filgħaxija ta' dan it-tielet jum, il-paniġierku bil-Malti sar mir-Revmu, Dun Crocifisso Pisani, Kanonku Prepositu ta' Birkirkara.
Kif spiċċa l-paniġierku, tkantat solennament l-Ave Maris Stella; imbagħad issoktat il-funzjoni bħal jumejn ta' qabel, fejn fl-aħħar Mons. De-Martis ta l-Barka Sagramentali.

### Il-Jum tal-15 ta' Lulju 1881



*Iż-żewġ kuruni li mill-1881 komplew sawru dan l-inkwadru mirakuluż*

Sa minn filgħodu kmieni, il-knisja kienet diġa maħnuqa bin-nies jistennew il-ħin ta l-Inkurunazzjoni. Fis-sitta ta' filgħodu għalhekk beda il-kant ta' "Prima" akkompanjat mill-orgni. Waqt il-kant tal-Martiroloġju, waqt li l-Patrijiet Karmelitani kienu kollha fil-Kor taħt ix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu, tħabbret is-Solennita' tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.
Fis-7.30 ta' filgħodu, l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Mons Carmelo Scicluna, wasal quddiem il-Knisja tal-Karmnu, fejn ġie milqugħ bl-"Ecce Sacerdos" li ġie kompost mis-Surmast Dr. Pawlu Nani għal din l-okkazzjoni. Iċ-Ċerimonja ta l-Inkurunazzjoni bdiet permezz tal-ġurament li ħadu s-Superjuri tal-Kunvent il-W.R.P. Majjistru Luigi Malfatti Vigarju Provinċjal u r-Rev. P. Salv. Elija Pace, Prijur fejn wegħdu li se jieħdu ħsieb din ix-Xbieha għażiża. Wara nqara d-Degriet ta' l-Inkurunazzjoni u ġew imbierka l-Kuruni prezzjużi u ngħata bidu għall-Quddies Solenni Pontifikali, li kienet esegwita mill-mużika tas-Surmast Nani. Wara l-Vanġelu, il-W.R.P. Pietru Fontana niseġ diskors tassew sabiħ. Wara li spiċċa l-Pontifikal ġie intonat l-Antifona "Reġina Coeli". Fil-ħin li kienet qiegħda titkanta l-Antifona, Monsinjur Isqof flimkien maż-żewg Ministri telgħu fuq il-palk magħmul apposta u poġġa l-kuruna, l-ewwel fuq ras il-Bambin Ġesu' u mbagħad fuq ras il-Madonna. Dak il-ħin il-knejjes kollha ta Malta, taw l-aħbar ta' ferħ bid-daqq tal-qniepen, kif ukoll murtali u artillerija minn fuq fortizzi.
L-Arċisqof wara li poġġa l-kuruni fuq din ix-xbieha intona it-*Te Deum* li kompliet bil-mużika. Il-Papa Ljun XIII ta 300 jum indulġenza, għal min jigħid tlett Ave Marijiet u Glorja quddiem din ix-Xbieha Inkurunata.
Wara nofs in-nhar, bħas-soltu bdiet it-translazzjoni solenni tar-Relikwija tal-Verġni SSma. mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Angelo De-Martis, Karmelitan. Wara t-Translazzjoni l-istess Isqof għamel l-Għasar Pontifikali. Is-Surmast Antonio Nani, f'din l-okkazjoni kiteb dak il-famuż salm "Laudate Pueri" bil-kor tat-tfal li b'xorti tajba għadu jitkanta ta' kull sena. Kif spiċċa l-Għasar, bħas-soltu, tkantat is-*Salve Regina, Litanija, Flos Carmeli, Tantum Ergo* u l-funzjoni għalqet bil-Barka Sagramentali, li ġiet mogħtija mill-istess Isqof Mons. De Martis



*Il-palk li sar apposta għall-okkażjoni biex ikunu jistgħu jitpoġġew il-kuruni fuq l-inkwadru*

**Is-16 ta' Lulju 1881**

Għalkemm ta' kull sena il-jum tas-16 ta' Lulju jiġi iċċelebrat b'mod tassew solenni f'din il-knisja, f' din is-sena, jum il-festa kien sar b'solennita' wisq akbar minn tas-soltu.
Filgħodu kienet saret Quddiesa Pontifikali, mill-istess Isqof Monsinjur Salvatore De-Martis assistit mill-Kommunita' Karmelitana tal-Belt, u l-Orkestra kienet immexxija mis-Surmastrijiet Nani. Wara l-Vanġelu, il-W.R.P. Majjistru Luigi Galli, Segretarju Ġenerali tal-Karmelitani, tela' fuq il-pulptu fejn niseġ it-tifħir tal-Verġni SSma. Inkurunata bit-Taljan.
Wara nofs in-nhar, sar bħas-soltu paniġierku ieħor bil-Malti mill-W.R. Dun Luigi Caruana, Kanonku tal-Kolleġjata ta' Bormla. Malli spiċċa il-paniġierku tiegħu, Mons. De-Martis ta' l-Barka Papali, beda it-tieni Għasar Pontifikali bil-mużika. X'ħin inbeda l-"*Magnificat*" bdiet ħierga l-Purċissjoni. F'dik l-okkażżjoni l-Purċissjoni ma għaddietx mit-triqat li minnhom kienet tgħaddi is-soltu imma għaddiet għall-ewwel darba mir-rotta li għadha tintuża sal-lum.
F'dik is-sena ta' l-Inkurunazzjoni, ħadu sehem fil-purċissjoni tnax-il Konfraternita', li ġew ukoll mill-irħula biex jagħtu gieħ lill-Madonna tal-Karmnu, flimkien mal-familja kollha Karmelitana, il-Patrijiet Minuri Osservanti u l-Minuri Kapuċċini. Ir-Relikwija kienet miżmuma mill-Isqof Mons De-Martis. In-numru ta' nies li attendew fil-Belt Valletta għal din il-purċissjoni kien tassew xi ħaġa ta' l-għageb. F'bosta naħat kienu weqfin baned, li b'innijiet l-iktar sbieħ kienu jsellmu il-vara tal-Madonna tal-Karmnu.
Wara d-dħul tal-purċissjoni tkantat l-antifona "Flos Carmeli" u wara li tkanta t-"Tantum Ergo", ingħatat il-Barka Sagramentali minn Mons. De-Martis. B'hekk kienu ġew fi tmiemhom il-Festi Solenni ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Karmnu li kienu saru fis-sena 1881.

**Festi ta' Barra**

Ma setax jonqos illi festi kbar bħal dawn ma jkunux akkumpanjati ukoll b' festi esterni.
Matul it-Tridwu filgħaxija, Triq it-Teatru kienet imdawla kollha u ħdejn il-knisja, kuljum kienu jdoqqu waħda mill-aħjar baned ta' Malta. B' mod partikulari kienet tassew sabiħa il-mixegħla fil-lejla tal-15 u tas-16 ta' Lulju. It-toroq prinċipali kienu kollha imżejnin bi trofej, ward u piramidi li fuq kull waħda minnhom kien hemm skrizzjoni fuq l-Inkurunazzjoni.
Il-faċċata tal-Main Guard kienu ukoll imdawla b'tazzi taż-żejt tal-kulur li jiffurmaw disinji sbieħ kif ukoll ružuni tal-ħadid għamla ta' stilel b'tazzi taż-żejt. Id-dawra tal-Misraħ ta' l-istess Main Guard kienet imżejna b'arkati tal-ħadid fuq kolonni, li fuq kull waħda kellha trofej u festuni ta' ward u rand. F'nofs il-misraħ kien twaqqaf palk ġdid tal-banda, li kien imżewwaq



*L-Inkwadru tas-Santwarju fin-1930*

ħafna bnadi bl-induratura. Dan il-palk kien fih anġlu kbir fin-nofs u erbgħa oħra, wieħed f'kull kantuniera.
Bħala parti mill-festa esterni, kienu wkoll saru ħafna attivitajiet li kienu popolari ħafna f' dawk iż-żminijiet. Fit-13 ta' Lulju, fl-4 ta' wara nofs in-nhar, saret Regatta tad-dgħajjes u ġostra fil-port ta' Marsamxett. Bil-lejl imbagħad, saret mixegħla tad-dgħajjes fuq il-baħar "*ala Venezjana*".
Fl-14 ta' Lulju, fil-5 ta' wara nofs in-nhar kienet saret tiġrija taż-żwiemel. Fid-9 ta' filgħaxija kien sar imbagħad Programm mill-Banda Nazzjonali "La Valette" li fih barra minn bosta bċejjeċ tal-mużika, indaqq innu ġdid f' gieħ il-Madonna tal-Karmnu bil-Kor tat-tfal.
Fil-15 ta' Lulju, fis-9.30 ta' filgħaxija kien sar logħob tan-nar fuq il-għolja ta' Strada Forni u fl-10.30 ta' filgħaxija reġa ġie esegwit l-Innu tal-Madonna ħdejn il-Knisja tal-Karmnu.

Referenzi:

P. Lawrenz M. Sammut, O.Carm, "Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta".
Il-Website tal-Provinċja Karmelitana f' Malta - www.karmelitanimalta.org/
Il-Website tas-Santwarju Ba¿ilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta - http://talkarmnu-valletta.webs.com